**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**<u>Rikors nru: 154/2021 AGV;</u>**

**ABC**

**vs**

**DEF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 15 ta' April 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu Ginevra, l-Isvizzera, fl-14 ta' Settembru 2001 (vide kopja tac-certifkat taz-zwieg anness, u mmarkat Dok. A), u minn daz-zwieg kellhom tifel G li twieled fl- 24 ta' Novembru 2005.
2. Illi l-partijiet ilhom mis-sena 2007 li stabillew residenza taghhom f' Malta.

3. Illi l-partijiet ilhom seperati legalment b' kuntratt redatt min-nutar Dr. Pierre Attard tas- 17 ta' Lulju 2018, kopja ta' liema kuntratt qed tigi esebita, u mmarkat Dok. B;
4. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bjn il-partijiet, stante li ilhom jghixu separati sahansitra minn sew qabel ma ottjeniet is-seperazzjoni legali taghhom li llum iffurmaw hajjiet totalment seperata u distinti minn xulxin.
5. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni jippreskrivi li l-koppja irrinzunjat ghal-manteniment minghand xulxin, u dil-kundizzjoni tibqa' vigenti f' kaz ta' divorzju.
6. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni jippreeskrivi li l-kura u kustodja tal-wild Oscar u l-manteniment dovut ghal-istess wild, u dak li gie pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, jibqa' vigenti f' kaz ta' divorzju.
7. Illi b' hekk huma sodisfatti ir-rrkwziti kollha tal-artikolu 66 B et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-espoenenti xtaqet tipprevalixxi ruhha mid-drittijiet lilha moghtija sabiex titlob il-hall taz-zwieg bejnha u zewgha.

**Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, il-partijiet, umilment jitolbu lil din Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnha u zewgha DEF;

2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat in-nota ta' DEF datata 26 ta' April 2021 fejn qed jammetti t-talbiet tar-rikorrenti.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |